PDF Compressor Pro



Fr Samuel Grech jaqsam kejk tal-okkażjoni. Fuq ix-xellug tiegħu tidher zitu Luiga Schembri

Saċerdot wara 46 sena

Il-Komunità Parrokkjali ta' Għajnsielem, il-Ħadd 21 ta' Awwissu, filgħaxija, ingħaqded mas-Saċerdot novell, Fr Samuel Grech għall-quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla tad-don tas-saċerdozju.

F'korteo, akkumpanjat fost oħrajn mill-Arċipriet il-Kanonku Frankie Bajada, familjari u ħbieb, flimkien mal-Banda San Ġużepp, b'daqq ta' marċi ferrieħa, telaq middar tiegħu, fi Triq Latini għall-Knisja Arċipretali.

Għall-quddiesa solenni ħadu sehem il-korijiet Lauretana u dak tal-Parroċċa tan-Nadur flimkien mal-Orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro Frankie Debono. Fi tmiem il-quddiesa, is-saċerdot novell bewwes l-idejn ikkonsagrati tiegħu. Wara kulħadd kien mistieden għall-festin fil-Misraħ tal-Knisja.

F'Għajnsielem ilu ma jkun hemm saċerdot ġdid għal dawn l-aħħar 46 sena.

Kien hemm preżenti wkoll zitu Luiga Schembri u ħutu Anthony, Paul u martu Sara u binhom Zack. Oħt Fr Samuel, Angele Grech ta' tmien snin kienet mietet f'inċident tat-traffiku fis-sena 1984, meta ttajret minn vettura hi u taqsam Triq l-Mġarr, Għajnsielem. Ommu Antonia mietet fl-1993, waqt li missieru George miet fl-1997.

Kemm il-Knisja kif ukoll il-Pjazza tal-Knisja kienu mballati fil-veru sens tal-kelma bin-nies.



Vitor imdawwar mal-familjari fl-okkażjoni ta' għeluq 102 sena

Vitor Grech jagħlaq 102

Il-Ħadd 28 ta' Awwissu, Vitor Grech, mill-Għasri, residenti fis-Sezzjoni Anzjani tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex għalaq 102 sena. Vitor li hu ġuvni huwa l-uniku anzjan li wasal għal din l-età f'din is-Sezzjoni.

Għal dan l-avveniment uniku l-familjari ta' Vitor organizzawlu festin żgħir.

Vitor hu l-kbir u ġej minn familja ta' għaxra. Ġulina tgħix hawn l-Awstalja waqt li Teresa, Rita, Michael u Salvina jgħixu Għawdex. L-erbgħa l-oħra minn ħutu Ġużepp, Frenċ, Toni u Mary Anne huma mejtin.

Is-Sur Grech li għadu fi stat mentali tajjeb ħadem ta' bidwi u fis-sengħa tal-bini u kien populari ħafna man-nies u kienu jfittxuh ħafna għall-pariri fuq is-sengħa tal-bini. Hu għamel ħafna xogħol voluntarju fil-knisja tar-raħal tal-Għasri. Għadu sal-lum benefattur ta' din il-knisja.



Grupp ta' żgħażagħ Għawdxin jieħdu sehem fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Madrid

Il-grupp ta' żgħażagħ Għawdxin (50) li ħa sehem fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Madrid (16-21 ta' Awwissu) flimkien mal-Isqof Mario Grech, fi tmiem it-tielet katekeżi, immexxija mill-istess Isqof Mario Grech. Il-grupp Għawdxi kien jifforma parti minn kontinġent Malti ta' aktar minn 700 persuna li ħadu sehem f'din il-manifestazzjoni ta' fidi. Il-grupp Għawdxi kien akkumpanjat minn membri tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ ta' Għawdex.

MINN GĦAWDEX



ma' **Charles Spiteri**



Statwa ta' Marija Bambina

George Mizzi jidher jagħmel l-aħħar irtokki ta' induratura u żebgħa fuq l-istatwa ta' Marija Bambina, xogħol fil-fajber ta' Pawlu Aquilina, il-Ħadd li għadda 4 ta' Settembru, qabel dak inhar stess filgħaxija, ittieħdet lejn ir-raħal tax-Xagħra, fejn wara l-10.00 p.m. fi Pjazza l-Vitorja sar it-tberik tagħha, mill-Arċipriet tal-Parroċċa Mons Carmelo Refalo, wara marċi brijużi mill-Banda Victory matul it-toroq prinċipali tax-Xagħra. L-istatwa ta' Marija Bambina ġiet rregalta lis-Soċjetà Filarmonika Victory mill-President Onorarju tal-istess Soċjetà Michael F. Cini u l-familja tiegħu. Din ser tieħu post prominenti fil-Każin tal-Banda Victory.



Ngħaġ u mogħoż bil-ħrief u l-gidjien

Wirja tal-annimali fix-Xewkija

Wirja tal-annimali ġiet organizzata mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija, fi Triq Torri Tingi. Kien hemm diversi kategoriji, żwiemel armati u għerjin; tjur, nagħaġ, mogħoż, ħrief u gidjien; klieb tal-but, tal-fenek, tal-kaċċa ta' Malta u ta' barra, *pub* u oħrajn. It-trofej tqassmu lir-rebbieħa mis-Sindku tal-Lokalità l-Avukatessa Monica Vella.



Żiemel armat